A.L. --- tal-2026

# ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT

# (KAP. 549)

## Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (*Landfills*)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:

**Titolu.**

**L.S. 549.29.**

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (*Landfills*) u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (*Landfills*), minn hawn 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

**Jemenda regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.**

**2.** Is-subregolament (3) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.